MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 785/2001/1

**John u Maria Dolores sive**
**Doris konjugi Agius**

**Vs**

**Data Systems Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Mejju, 2001 l-atturi ppremettew illi l-attur John

Agius kien ikkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali flimkien mas-socjeta` konvenuta, ghall-hlas favur is-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. ta’ kull bilanc, sal-massimu ta’ ghoxrin elf Lira Maltin (LM20,000), li seta’ talvolta jkun dovut fuq facilita` bankarja moghtija fuq *overdraft account* tas-socjeta` konvenuta ma’ l-imsemmi bank, skond kif jirrizulta mill-garanzija relattiva, li kopja taghha kienet annessa ma’ l-istess citazzjoni u mmarkata bhala **Dok. JA1**; illi in segwitu, irrizulta li ad insaputa ta’ l-istess attur, l-ammont bilancjali fuq tali *overdraft account,* gie konvertit f’*loan account*; illi s-socjeta` konvenuta waqfet milli teffettwa pagamenti lis-socjeta` Bank of Valletta p.l.c., li min-naha taghha talbet, *inter alia*, lill-attur biex jezawdixxi l-garanzija minnu moghtija, kif fuq premess; illi fuq talba tal-Bank of Valletta p.l.c., l-attur John Agius hallas l-ammont ta’ elfejn seba’ mija u tmienja u disghin lira u hamsa u ghoxrin centezimu (LM2,798.25) in adempiment ta’ l-obbligazzjoni minnu assunta kif fuq premess, skond kif jirrizulta mid-dokument ezebit u mmarkat bhala **Dok. JA2**; illi bhala effett tal-hlas ta’ l-ammont ta’ LM2798.25 fil-kwalita` taghhom ta’ garanti solidali tad-debiti tas-socjeta` konvenuta, kif fuq premess, l-atturi konjugi Agius gew surrogati fid-drittijiet tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c., ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 1165 *et seq.* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; illi dan jikkostitwixxi kreditu tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn l-atturi konjugi Agius; illi ghalhekk l-atturi ghandhom dritt ta’ regress fil-konfront tas-socjeta` konvenuta ghall-imsemmija somma minnhom imhallsa; illi minkejja interpellazzjoni maghmula ghar-rifuzjoni ta’ l-imsemmi ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

1) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrifondi lill-atturi s-somma ta’ elfejn seba’ mija tmienja u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM2798.25) ammont minnha dovut kif fuq premess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju (li pero` n-numru tieghu ma giex specifikat fic-citazzjoni, u anqas inghatat id-data) u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-Att sad-data tal-hlas effettiv,

kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

B’notaipprezentata fil-11 ta’ Gunju, 2001 is-socjeta` konvenuta eccepit:-
1) Illi t-talbiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-atturi ma gewx surrogati fid-drittijiet tas-socjeta` Bank of Valletta plc.

2) Illi minghajr pregudizzju u in subsidju (sic!) ghall-premess illi l-esponenti qatt ma giet interpellata sabiex teffettwa l-imsemmi hlas, u ghalhekk fi kwalunkwe kaz, l-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati unikament mill-atturi.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza tal-20 ta’ Jannar, 2004 billi, wara li cahdet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, ikkundannat lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-atturi elfejn seba’ mija u tmienja u disghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (LM2,798.25) flimkien ma’ l-imghax u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

“Il-fatti li wasslu ghal din il-kawza graw hekk:

“L-attur flimkien ma’ ohrajn kien waqqaf is-socjeta` konvenuta bil-hsieb li jkollu hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) ta’ l-ishma, izda, billi dak iz-zmien kien ufficjal tal-pulizija, ma setax ikollu ishma f’ismu u dawn l-ishma kien zammhomlu azzjonist iehor, bil-hsieb li jghaddihomlu meta l-attur johrog mill-Korp tal-Pulizija. L-attur eventwalment hareg mill-Korp tal-Pulizija; kien impjegat mas-socjeta` konvenuta u kien imexxi l-operazzjonijiet teknici taghha izda, ghal xi raguni, l-ishma li kellhom ikunu tieghu baqghu ma darux fuqu. Eventwalment, l-attur telaq l-impieg tieghu mal-konvenuta, u l-ishma baqa’ ma hadhom qatt.

"Waqt li kien ghadu maggha l-attur, is-socjeta` konvenuta isselfet xi flus mill-bank ghan-negozju taghha, u l-azzjonisti personalment, u wkoll l-attur, kienu dahlu garanti ghal dan id-dejn.xi zmien wara li l-attur telaq minn maghha, is-socjeta` konvenuta waqfet thallas id-dejn lill-bank, u l-bank ghalhekk dar fuq il-garanti, fosthom l-atturi, biex ihallsu d-dejn taht il-garanzija

"L-attur u l-garanti l-ohra ftiehmu li jhallsu d-dejn f'ishma ndaqs bejniethom, u d-dejn thallas. Issa, l-attur fetah din il-kawza biex is-socjeta` konvenuta troddlu l-parti tad-dejn li hallsilha. Is-socjeta` konvenuta ma tridx thallas ghax qieghda tghid illi l-attur hallas mhux bhala garanti izda ghax kellu interess personali fid-dejn.

"It-talba ta' l-atturi hija mibnija fuq l-art. 1942 tal-Kodici Civili:

"**1942.** (1) Il-garanti li jkun hallas, ghandu jedd idur kontra d-debitur principali, sew jekk il-garanzija tkun inghatat bil-kunsens tad-debitur kemm jekk tkun inghatat minghajr dan ma kien jaf.

"Il-fatt li l-attur kellu interess fis-socjeta` konvenuta ma jibdilx il-fatt illi l-konvenuta ghandha personalita` ghaliha, u illi r-relazzjoni ta' bejniethom kienet ta' debitur ewlieni l-konvenuta u ta' garanti l-attur. Ghalhekk, ladarba l-pozizzjoni legali hi li l-attur hallas bhala garanti d-dejn tal-konvenuta, mela ghandu jedd ta' regress kontrieha taht l-art. 1942 tal-Kodici Civili:

"Lanqas ma hu relevanti jekk l-attur kienx surrogat jew le fid-drittijiet tal-bank, ghax il-garanti li hallas ghandu jedd ghal rigress *iure proprio,* taht l-art. 1942. Fil-fatt izda s-surroga saret taht l-art. 1166(c) tal-Kodici Civili:

"**1166.** Is-surroga ssir *ipso jure* favur –
(c) ta' dak li kien obbliga ma' ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu;

“L-ewwel eccezzjoni hija ghalhekk michuda, u s-socjeta` konvenuta ghandha trodd lill-attur dak li hallas bhala garanti ghaliha.

“It-tieni eccezzjoni hija dwar l-ispejjez tal-kawza, u tghid illi, ladarba l-atturi ma sejhux lill-konvenuta biex thallas qabel ma fethu l-kawza, mela l-ispejjez tal-kawza ghandha thallashom hi.

“Din l-eccezzjoni kien ikollha xi meritu li kieku l-konvenuta hallset hekk kif kienet notifikata bic-citazzjoni. Il-konvenuta izda xorta ma hallsitx ghax ikkontestat il-kawza; daqstant iehor ma kinitx thallas li kieku kienet imsejjha b’att gudizzjarju iehor qabel ic-citazzjoni. Ghalhekk in-nuqqas ta’ sejha ghall-hlas qabel il-kawza ma ghamel ebda differenza ghall-htiega li ssir kawza, u ma sarux spejjez zejda minhabba dak in-nuqqas.

“It-tieni eccezzjoni wkoll hija ghalhekk michuda.”

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b’rikors ipprezentat fis-6 ta’ Frar 2004 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li tichad it-talbiet ta’ l-atturi u f’kaz illi din l-Onorabbli Qorti kellha takkolji t-talbiet ta’ l-atturi illi s-sentenza relattiva tigi riformata fis-sens illi l-ispejjez ikunu a karigu ta’ l-atturi, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-atturi.

L-atturi pprezentaw risposta ghall-appell tas-socjeta` konvenuta fejn ssottomettew li s-sentenza hija gusta u ghalhekk timmerita konferma anke ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta.

**L-aggravji tas-socjeta` appellanti.**

Mir-rikors ta’ l-appella pprezentat mis-socjeta` appellanti jidher li basikament l-ilmenti taghha huma msejsa fuq zewg binarji, u cioe`

a) illi meta l-atturi hallsu l-ammont indikat fic-citazzjoni kienu ghamlu hekk mhux bhala garanti izda minhabba obbligazzjoni personali li huma dahlu fiha mal-istess bank, u

b) illi s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex tbati spejjez tal-kawza billi ma kinitx saret interpellazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-obligazzjoni.**

Jirrizulta mhux ikkontestat li l-atturi kienu dahlu garanti mas-socjeta` konvenuta biex jaghmlu tajjeb ghad-debiti ta' l-istess socjeta` fil-konfront tal-Bank of Valletta. Jidher li din l-obbligazzjoni giet assunta meta l-intenzjoni kienet li l-attur jassocja ruhu, fil-kapacita` ta' azzjonista, fis-socjeta` konvenuta, biss ghalkemm l-attur telaq mill-impieg li kien jokkupa u minkejja li kien beda jokkupa l-posizzjoni ta' Technical Adminstrator, l-ishma li kienu mweghda lilu u li kien qed izomm l-azzjonista Emanuel Grech, qatt ma gew trasferiti f'ismu. Minn dan jidher li l-attur, fid-data li s-socjeta` konvenuta giet mghedda bi proceduri gudizzjarji ghal hlas ta' kull bilanc dovut, ma kellu ebda interess li jissodisfa l-obbligi ta' l-istess socjeta` hlief fil-kapacita` tieghu ta' garanti.

L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti qieghed konsegwentement jigi respint.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Is-socjeta` appellanti qed tilmenta wkoll mill-fatt li hi giet akkollata l-ispejjez tal-kawza u dana meta qatt ma giet ipprezentata u notifikata lilha, qabel dawn il-proceduri, ittra ufficjali interpellatorja billi tali ittra jew interpellazzjoni, kienet, skond l-appellanti, taghti lok ghall-possibilita` ta' transazzjoni u b'hekk jigu evitati spejjez gudizzjarji inutili. Din il-Qorti izda hija tal-fehem, u dan anke minn natura tal-kontestazzjoni u mill-mod kif gie impostat dan l-appell, li ebda interpellazzjoni ma kienet twassal ghal dak li qed jinghad jew jigi allegat mis-socjeta` konvenuta appellanti

u, konsegwentement, tali interpellazzjoni kienet tkun superfluwa. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------